MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 280/2014

**Anthony Mario Vella**

**vs**

**Automated Revenue**

**Management Services**

**Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Anthony Mario Vella datat 28 ta' Marzu 2014 fejn espona: -

Illi permezz ta' ittra ufficjali ref: 61/14 is-socjeta` intimata ARMS Ltd talbet *ai termini* ta' artikolu 466 tal-Kap 12, lill-esponenti ihallas l-ammont ta' €101,401.94, rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u eletriku.

Illi l-pretensjoni tas-socjeta` intimata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti *a tenur* ta' l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 topponi ruhha ghat-talba tas-socjeta` intimata u konsegwentement umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tiddikajra t-talba bhala wahda nfondata.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Systems Ltd ("ARMS") datata 29 ta' April 2014 (fol 12) fejn esponiet :

1. Is-soċjeta' ARMS intavolat l-ittra ġudizzjarja numru 61/2014 kontra r-rikorrent, liema ittra qed tiġi annessa bħala vera kopja Dok "ARMS A";

2. Illi preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti hija *fuori termine* u dan għaliex ir-rikorrent ma ntavolax dawn il-proċeduri *entro* ż-żmien ta' għoxrin jum minn notifika kif preskritt lid-debitur skont l-artikolu 466(2) tal-Kap 12. Kif ser jiġi ppruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrent ġie nnotifikat bl-ittra uffiċjali fit-3 ta' Marzu 2014 filwaqt li dawn il-proċeduri ġew ipprezentati fit-28 ta' Marzu 2014;

3. Ulterjorment u mingħajr preġudizzju, ir-rikorrent ma jagħti ebda raġuni biex jispjega għaliex qed jopponi l-eżekuzzjoni tal-ittra ġudizzjarja numru 61/2014 tas-soċjeta' intimata. Huwa sempliċiment jgħid li t-talba hija waħda "...nfondata fil-fatt u fid-dritt" mingħajr ma jittenta, mqar *prima facie,* jispjega jew iġib prova ta' dan;

4. Li huwa ċert u minnu, kif ukoll ser jirriżulta mill-provi quddiem din l-Onorabbli Qorti, huwa li d-dejn ta' €101,401.94 huwa dovut mir-rikorrent għall-konsum ta' dawl u ilma fuq il-kontijiet irreġistrati f'ismu (bħala l-*account holder*) mas-soċjeta' ARMS, u dan kif jidher fl-ittra 61/2014;

5. *In vista* tas-suespost, u b'riżerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li ġġib is-soċjeta' ARMS fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-soċjeta' ARMS hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha twarrab it-talba tar-rikorrent Anthony Mario Vella, bħala waħda mingħajr ebda bażi u li hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara li l-ittra numru 61/2014 intavolata *ai termini* tal-Art 466 tal-Kap 12, hija reża eżekuttiva kontra r-rikorrent.

Bl-ispejjeż u b'riżerva għall-imgħax dovut skont il-liġi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Patrick Valentino ghall-attur prezenti. Dehru Dr. Ian Borg u Dr. Robert Abela li assoccja ruhu fil-patrocinju tas-socjeta` konvenuta ma' Dr Albert Zerafa, u ghamel refernza ghan-

notament li jinsab fil-parti ta’ isfel ta’ fol 1 ghat-timbru tal-prezentata li jinsab fuq wara tal-istess *folio* u iddikajra li s-socjeta` intimata m’ ghandiex aktar provi xi tressaq dwar l-eccezzjoni numerata 2. Xehed bil-gurament l-attur Anthony Mario Vella liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Valentino iddikjara li m’ ghandux provi ohra rigward it-tieni (2) eccezzjoni. Id-difensuri tal-partijiet trattaw it-tieni eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni ghas-16 ta’ Dicembru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. **KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din hija sentenza *in parte* fuq it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' intimata ARMS Limited fejn eccepiet li l-azzjoni odjerna hija *fuori termine* stante li r-rikorrent ma ntavolax dawn il-proċeduri *entro* ż-żmien ta’ għoxrin jum minn notifika kif preskritt lid-debitur skont l-artikolu 466(2) tal-Kap 12.

Il-fatti rilevanti ghall-ezami odjern huma s-segwenti. Fid- 9 ta' Jannar 2014 ARMS Limited ipprezentat dikjarazzjoni guramentata u ittra ufficjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrent odjern ghall-hlas tal-ammont ta' €101,401.94, bhala ammont cert, likwidu u dovut, u rapprezentanti bilanc ghall-konsum ta' ilma u elettriku flimkien mal-imghaxijiet likwidati fl-istess ittra.[1] Id-Dikjarazzjoni mahlufa mir-rapprezentant legali tal-ARMS Limited tinsab annessa mal-ittra (fol 3 tal-process).

[1] Ittra esebita a fol. 2 tal-process.

Mir-riferta esebita *a tergo* ta' fol. 2 tal-process jirrizulta li Anthony Mario Vella, r-rikorrent odjern, gie notifikat bl-ittra ufficjali fit-3 ta' Marzu 2014 filwaqt li r-rikors odjern gie pprezentat fit-28 ta' Marzu 2014 skont kif jirrizulta mit-timbru tal-prezentata maghmula mill-ufficjal tar-Registru tal-Qorti *a tergo* ta' fol. 1 tal-process.

Ghaldaqstant huwa inkonfutabbli li r-rikors odjern gie pprezentat wara l-iskadenza ta' ghoxrin gurnata previst mil-ligi.

Skont **l-Artikolu 466 (1) u (2) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta:

*"1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provediment ta' ilma u elettriku u għall-*

*kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter…...".*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata."*

Fil-kaz odjern mhuwiex ikkontestat li l-Artikolu 466 japplika ghall-kreditu in ezekuzzjoni kif mitluba mis-socjeta' ARMS Limited. Lanqas huma in kontestazzjoni kemm id-data tan-notifika tad-dikjarazzjoni u tal-ittra *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap.12 u d-data tal-prezentata tar-rikors odjern.

Illi lanqas ma gie suggerit li r-rikorrent kien ikkontesta l-kontijiet tal-ARMS Limited permezz ta' att gudizzjarju jew ittra registrata skont il-*proviso* ghall-artikolu 466(1), liema kontestazzjoni kienet tinnewtralizza l-effett ezekuttiv tad-dikjarazzjoni mahlufa maghmula mir-rapprezentant legali tal-ARMS Ltd.

Ir-rikorrent xehed *viva voce*[2] u spjega li malli rcieva l-ittra ikkonsulta Avukat privat u sussegwentement mar ghand l-ufficcju tal-Ghajnuna

[2] Seduta tat-30 ta' Ottubru 2014

Legali . Skont ix-xhieda tieghu, dam sabiex gie assenjat avukat izda dan ma kienx dovut ghal xi traskuragni da parti tieghu.

Izda fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, din l-ispjegazzjoni ma tistax ixxejjen jew ittaffi l-effett tan-nonosservanza tat-terminu legali impost bl-artikolu 466(2) ghar-ragunijiet li ser jigu imfissra iktar ‘il quddiem.

Effettivament il-pern tal-kwistjoni jikkonsisti fid-determinazzjoni tan-natura tat-terminu ta' ghoxrin gurnata stabbilit mill-legislatur fis-subartikolu (2) fuq citat, u cioe', jekk dan hu terminu perentorju ossia ta' dekadenza, jew terminu li jista' jiggedded.

Skont l-artikolu **106** tal-Kap.12, "*Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, meta mhux perentorju, jista’ jiġġedded għal raġuni tajba, kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid."* Fil-kaz in ezami, u fil-fehma tal-artikou 466 ma jippermettix tali estensjoni.

Bhala principju, gie ribadit fil-kawza "**Giuseppe Caruana vs Charles sive Charlie Psaila,” (**Appell, 21 ta’ Marzu 1997) li giet imhaddna fis-sentenzi "**Earthcare Company Limited vs Kunsill Lokali Valletta**" (Appell Inferjuri, 7 ta’ Novembru 2008) u "**Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd**" (Appell Inferjuri,12 ta’ Frar 2010) li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u f’ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta’ ordni pubbliku u ma jistghu bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

Kif imbaghad intqal fis-sentenza "**Salina Wharf Marketing**

**Limited vs Malta Tourism Authority"**, (Appell mill-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta’ Dicembru 2007), *”In-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b’konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta’ rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita’ hi hekk necessarja*

*ghal-raguni ta’ certezza u, ukoll, ta’ uniformita*”.

Ir-rikorrent isostni li d-dewmien ma kienx imputabbli ghal xi fatt jew tort tieghu. Izda din il-gustifikazzjoni mhix bizzejjed biex tirribatti l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata. It-termini perentorji huma imposti mil-ligi bhala salvagwardja ghad-drittijiet kemm ta’ dawk li favur taghhom hu konness id-dritt tal-azzjoni u fil-konfront ta’ terzi li ma ghandhomx jibqghu fi stat incert tad-dritt. L-**artikolu 105** tal-Kapitolu 12 infatti jistabbilixxi illi kull zmien legali jew gudizzjali jghaddi wkoll kontra l-persuni li favur taghhom il-beneficcju taz-zmien ikun inghata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistax tikkondividi t-tezi tal-abbli difensur tar-rikorrent li stedinha tqis it-terminu bhala wiehed ta' kontumacja fejn ikun permissibbli ghar-rikorrent odjern li jiggustifika n-nuqqas tieghu li jagixxi tempestivament.

F’dan il-kaz it-terminu impost mill-ligi hu wiehed perentorju ("*shall have the same effect as a final judgment of the competent court unless the debtor shall within the period of twenty days...."*) (enfasi tal-Qorti) u sar bl-iskop preciz li jkun hemm certezza tad-drittijiet tal-partijiet fil-limiti moghtija mil-ligi. In-nuqqas ta’ azzjoni f’dak it-terminu wassal ghal sitwazzjoni inevitabbli u irriversibbli ta’ rinunzja ghall-access lejn il-Qorti fuq il-vertenza in mertu. Kwindi l-att gudizzjarju pprezentat barra miz-

zmien iwassal ghal irritwalita' tieghu u per konsegwenza n-nullita' tieghu bhala mezz ta' azzjoni fil-konfront tas-socjeta` intimata.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **Tilqa' t-tieni eccezzjoni** sollevata mis-socjeta' konvenuta fis-sens li r-rikors odjern gie pprezentat 'fuori termine' *in vista* tal-**artikolu 466(2) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi tiddikjara l-azzjoni odjerna rritwali u nulla.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------